MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 415/2005

**Agostina sive Ina Ciappara (I D Nru. 456036M)**

**vs**

**Patrick John Said (I D Nru. 56558M)**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba ta' l-attrici ghall-kundanna tal-konvenut sabiex jizgombra mill-fond maghruf bl-isem "Commer", Hookham Frere Street, Guardamangia u jikkonsenja c-cavetta lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn din il-Qorti peress illi huwa qieghed jokkupa u jiddetjeni l-istess fond minghajr ebda titolu fil-ligi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 21 ta' Marzu, 2003 u 16 ta'Mejju, 2005, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghal fini ta' kompetenza gie dikjarat illi l-valur tal-kera ma jeccedix il-mitt lira Maltin (Lm100).

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet ta' l-attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-10 ta' Ottubru, 2005, meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, tipprefiggi terminu ta' xaghrejn sabiex il-konvenut jizgombra mill-fond bl-isem "Commer", Triq Hookham Frere Street, Guardamangia, u jikkonsensa c-cavetta lill-attrici peress illi huwa qieghed jokkupa u jiddetjeni l-istess fond minghajr ebda titolu fil-ligi, bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------